JINBIEGĦ 3d.




Vol. II, Nru. 4 MEJJU - ĠUNJU, 1966

EDITORJAL:

# WARD U RAND

**Is-sena soċjali li qegħdin fiha ġiebet magħha għadd ta' kuruni tar-rand għal diversi individwi kif ukoll soċjetajiet fl-Imsida. Aħna ma nistgħux inħallu dawn jgħaddu mingħajr ma nagħmlu l-kummenti tagħna dwarhom. Dan infatti jidħol direttament fl-interess u fl-iskop tal-ġurnal tagħna: li ninkuraġġixxu kull attività u inizjattiva tajba Misidjana, tiġi minn fejn tiġi. U min ma jeħux pjaċir bis-suċċessi ta' ħutu, ikun liema jkun il-kamp li fih dawn jintrebħu? B'dan l-għan, ejjew induru dawra madwarna flimkien:**

**Quiz madwar Malta:**

It-team qalbieni tal-Msida Youth Centre, wara battalja iebsa, u xi drabi anke mqallba u sħuna, irnexxilhom jassiguraw ruħhom mit-tielet post f'din il-kompetizzjoni, bejn l-ibliet u l-irħula ta' Malta. Mingħajr ma nnaqqsu l-merti ta' ħadd, nistgħu ngħidu li posthom kien ikun aktar fil-għoli kieku ma sarux ċerti inċidenti u żbalji (mhux min-naħa tagħhom) li fl-aħħar mill-aħħar kulħadd jistenna li jinqalgħu f'inizjattivi kbar bħal dawn.

Aħna nifirħulhom bil-qalb għax huma demm Misidjan, demm ġdid li għadu fil-fjur tiegħu u madankolu ġa ta dawn ir-riżultati sbieħ. It-team Misidjan kien iffurmat minn: Dun Anton Aquilina, Leader; Joe Farrugia Pulis, Henry Balzan, Arnold Cassola, Antoinette Galea, Rose Armeni filwaqt li r-riservi tat-team kienu: Joe Schembri, Fortunato Said, Carmen Catania u Antoinette Mizzi.



**Gara Kultura Reliġjuża:**

Mhux l-ewwel darba li tkellinma dwar dan is-suġġet. Imma issa, li l-Imsida waslet fil-finali, wara r-rebħa fuq il-Belt Valletta, nixtiequ nifirħu lil dan it-team ta' żgħażagħ qalbiena, li b'sagrifiċċju kbir, insistew, studjaw u stinkaw, wara l-ġurnata taxxogħol jew studju privat tagħhom, għall-ebda interess ieħor ħlief li jagħmlu unur lil pajjiżna u l-unur għamluh, avolja ma rbaħnix il-final. Aħna xorta ferħanin u kburin bihom u npoġġuhom bħala eżempju ta' żgħażagħ oħra Misidjani. It-team Misidjan kien iffurmat minn: Albert Marshall, John Sapiano, Mike Spiteri, Anna Zerafa u Raymond Galea filwaqt li Lino Bartolo kien il-leader u l-organizzer tat-team.

**Mikado:**

Ftit ta' żmien ilu l-istudenti ta' Stella Maris College taw produzzjoni ta' livell verament għoli fit-Teatru Manoel. Is-suċċess tagħhom kien riżultat tax-xogħol bla serħan ta' Bro. Edmund, li għallimhom, mexxihom u ddiriġihom flimkien mal-orkestra fil-Manoel. Bro. Edmund jinteressa lill-qarrejja tagħna għax huwa iben Mr. u Mrs. Borg tal-Imsida u għalhekk nifirħu bis-suċċess tiegħu. Aħna nifirħulu, nawgurawlu u nixtiqulu suċċessi ġodda u ikbar għalli ġej. Nifirħu wkoll lill-attur prinċipali ta' din l-operetta. Tabone, (huwa wkoll minn tal-Pieta') ta l-interpretazzjoni eċċellenti li huwa ta! Prosit.

(*Jissokta f'paġna 2*)





# DJARJU PARROKKJALI

## ĠEJJIENI

### MEJJU - ĠUNJU

19 ta' Mejju: Festa ta' Tlugħ is-sema ta' Sidna Ġesu — Lapsi.

29 ta' Mejju: Festa ta' Għid il-Ħamsin.

5 ta' Ġunju: Festa tat-Trinita': l-ewwel tqarbina tat-tfal kollha tal-Parroċċa li attendew duttrina fil-knisja Parrokkjali, Mużewijiet, għand is-Sorijiet Ursolini, tal-Qalb ta' Ġesu u Franġiskani, Azzjoni Kattolika, Legion of Mary u skejjel privati.

9 ta' Ġunju: Festa ta' Corpus Christi. Fil-parroċċa fil-għaxija ssir il-purċissjoni li tgħaddi minn dawn it-toroq: Ta' Xbiex Sea Front, Conception Street, Valley Rd., Msida Sea Front u St. Joseph Drive.

13 ta' Ġunju: Eżerċizzi tal-Qalb ta' Ġesu fil-Parroċċa.

19 ta' Ġunju: Festa tal-Qalb ta' Ġesu fil-parroċċa: filgħaxija purċissjoni li tgħaddi minn dawn it-toroq: Ta' Xbiex Sea Front, Rue D'Argens, New, Mons. D'Andria, Church, u Antonio Sciortino Streets u Ta' Xbiex Sea Front.

29 ta' Ġunju: L-Imnarja: Festa ta' San Pietru u San Pawl.

* * *

Festa tal-Qalb ta' Ġesu fis-Santwarju tal-Madonna ta' Loretu (Sorijiet Ursolini) fi Gwardamangia:

### PROGRAMM

30 ta' Ġunju, 1u 2 u ta' Lulju: Ġranet tat-Tridu:

6.15 p.m. Espożizzjoni, Rużarju, Priedka, Innu, Antifona, Litanija tal-Qalb ta' Ġesu u Barka.

2 ta' Lulju: 4.00 p.m. 'il quddiem ikun hemm il-Qrar.

3 ta' Lulju: 6.15 a.m. Quddiesa bi Tqarbina Ġenerali mill-Kappillan

7.45 a.m. Quddiesa letta.

9.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni u wara tibda l-Espożizzjoni li tibqa' sejra l-jum kollu.

5.30 p.m. Viżta u Rużarju. Quddiesa Prelatizja bil-Paniġirku mill-Wisq Rev. Patri Elia Caruana O.C., Provinċjal tal-Karmelitani.

6.45 p.m. Purċissjoni Ewkaristika, Te Deum u Barka Sagramentali.

## STATISTIKA

### FRAR-MARZU

Twieldu 21 tifel u 8 tibniet.

### IMWIET

| | |
|---|---|
| Bugeja Carmela (77 sena) | 3. 2. 66 |
| Zammit Teresa (66 sena) | 8. 2. 66 |
| Barbara Joseph (49 sena) | 9. 2. 66 |
| Vella Maria (72 sena) | 15. 2. 66 |
| Aquilina Spiro (75 sena) | 7. 3. 66 |
| Zammit Mary (68 sena) | 14. 3. 66 |
| Attard Anne (53 sena) | 18. 3. 66 |
| Bezzina Annetta (84 sena) | 20. 3. 66 |
| Abela Anthony (61 sena) | 24. 3. 66 |
| Grech Conċetta (70 sena) | 28. 3. 66 |

### ŻWIĠIJIET

| | |
|---|---|
| Gafa' Anthony — Giordimajna Pauline | 6. 2. 66 |
| Cassar Angel — Farrugia Mary | 10. 2. 66 |
| Vella Joseph — Chetcuti Josephine | 12. 2. 66 |
| Azzopardi France — Mifsud Carmen | 13. 2. 66 |
| Zarb Joseph — Mifsud Spira | 19. 2. 66 |
| Mizzi Lino — Micallef Louise | 20. 2. 66 |

*Jissokta minn paġna 1*

**St. Joseph F.C.:**

Li sports f'pajjiżna dejjem sab l-akbar appoġġ mill-ġurnal tagħna. U iktar u iktar issa noffru dan l-appoġġ litteam dinamiku tas-St. Joseph meta huma ferħanin bil-promotion, wara staġun brillanti li ma' tulu t-team wera logħob superjuri għall-klassifika li jinsab fiha, logħob li rnexxilu jkaxkar warajh numru ta' supporters li qatt ma rajnihom qabel, logħob li rnexxilu jispira fil-qalb ta' kull Misidjan il-fiduċja u x-xewqa li sena oħra jara lis-St. Joseph jilagħbu fil-post li żgur aktar jixirqilhom — s-2nd Division xewqa li issa ġiet maqtugħa.

Ma ninsewx lanqas lill-Minors li diġa asiguraw ruħhom mil-League Championship għal dan l-istaġun. Lanqas ninsew li l-Footballer of the Year din is-sena ġie rregalat lil Johnny Gatt li huwa wkoll player tagħna.

**U l-aħħar ħsieb tagħna llum ikun dan: din is-sena wriet li fl-Imsida għandna l-materjal tajjeb — li jonqosna hu li naħdmuh. Mela nagħmlu kuraġġ, nirsistu id f'id biex naraw lil pajjiżna jimxi dejjem 'il quddiem mingħajr qatt ma nħarsu lura!**


**A. CIANCIO**
1, PARISH STR., MSIDA
BAZAAR & BARBER SALOON
Birthday Cards & Toys
FILMS
Developed, Printed & Enlarged
NEXT DAY SERVICE
Tinbiegħ Ukoll "L-IMSIDA"

**LOEWE**
**OPTA**
**T.V.**

JAĦSLU, ILAĦALĦU, JGĦALLU U JAGĦSRU
*WAĦEDHOM!*
IL-MAGNI TAL-ĦASIL AWTOMATIĊI
**INDESIT**
U
**LINDE REFRIGERATORS**
Aġent waħdani:
**CONSIGLIO D'AMATO**
WESTERN RADIO SERVICE
701, HIGH STREET — HAMRUN

# GĦALIKOM TFAL

"Lucienne, ħalli nara tafhiex din: għal x'hiex hu magħruf ix-xahar ta' Mejju?", staqsa Trevor lill-ħabiba tiegħu, nofsu serju u nofsu jitbissem.

"Hi, din min ma jafhiex! Għall-fjuri!" kienet pronta weġbitu hi.

"Mhux biss", issokta Trevor, "Mejju huwa wkoll ix-xahar tal-Madonna u fih tiġi l-Mothers' Day!"

Bravu Trevor! Mejju, għalikom it-tfal huwa x-xahar ta' l-imħabba — imħabba lejn ommkom tas-sema u ommkom ta' l-art. Lill-Madonna naf li tħobbuha, imma mhux biżżejjed: hemm bżonn li nħobbuha ħafna u ħafna iktar.

U l-mama' li għandkom id-dar tħobbuha xejn? Mhux bil-kliem biss, tafux! Naf ħafna tfal li jsewwduli qalbi għax jiftaħru li jħobbu l-ommhom, imbagħad dejjem ikidduha u waħda li hi waħda ma jobduhiex. U xi whud jissuppervjaw u jirrispondu l-ommhom ukoll, x'waħda din!

Tfal, hemm bżonn li dawn l-affarijiet jispiċċaw: ftakru li jekk titilfu l-ommkom, ma ssibux oħra flokha — imbagħad għalxejn tibku u għalxejn jiddispjaċikom għax ikun tard wisq!

Mela ibżgħu għaliha lill-ommkom issa, ħobbuha, għinuha u għożżuha ħafna għax dik tahilkom il-Bambin u ibqgħu żguri li hija waħda mill-isbaħ rigali li tahkom hu!

DUN ĠUŻEPP.

L-ISTORJA TAL-LUM

## GĦAJN FID-DLAM

Iż-żewġt irġiel taw l-aħħar daqqa ta' għajn lejn il-Villa tal-Baruni u qabdu triqthom lejn id-dar. Matul it-triq sar il-pjan kollu għas-serqa gwappa ta' dik il-lejla.

Fil-ħin miftiehem, iż-żewġ irġiel daru dawra madwarhom sewwa u mxew lejn l-priża tagħhom — il-villa. Din kienet mudlama għal kollox u fiha ma kien jidher l-ebda sinjal ta' ħajja.

"Issa, kif ftehemna: jien noqgħod għassa hawn u, jekk jinqala' xi ħaġa, nagħmillek sinjal bit-torċ" qal wieħed lill-ieħor. U hekk għamlu.

Iżda ma kienx għadda ħin wisq meta dak ta' barra ma rax lil sieħbu ħiereġ jiġri kemm jiflaħ, nifsu maqtugħ. "X'inqala', kollox sew?" kien pront staqsieh.

Wara li ħa ftit tan-nifs, l-ieħor wieġbu, kważi mbikkem bil-biża': "U x'kollox sew! Dħalt fil-kamra ta' fuq tal-ġenb u f'dik il-dalma, kien hemm xi ħadd iħares fiss lejja; u ma nafx kif, donnu għajn waħda kellu!"

"Injurant" ħatfu inkurlat l-ieħor u kompla: "Mela flok fl-istudju, int dħalt fil-kamra tas-sodda u hemm, is-Sur Fidiel, billi għandu għajnu waħda tal-ħġieġ, qabel jorqod jaqlagħha u jħalliha fuq il-komodina fejn rasu...... injurant!"

IZ-ZIJU EDDIE.

## ĊAJT...

Wieħed bidwi kellu ħmar għall-bejgħ u għalhekk waħħal tabella mal-bieb ta' barra li kienet tgħid hekk:—

"Sinjur jekk tiġi bżonn ta' xi ħmar, ftakar fija."

*

Tifel ċempel lill-Miss ta' l-iskola:

Tifel: "Hello, Miss Borg jekk jogħġbok?"

"Iva," instemgħet vuċi tgħid.

Tifel: "Il-lum Johnny mhux ġej l-iskola għax ma jiflaħx."

Miss Borg: "Kollox sew. Imma int min int?"

Tifel: "Jien missieri."

*

Tifel staqsa lin-nanna:—

Tifel: "Nann, x'ser tagħtini għall-Birthday tiegħi?"

Nanna: "Sigriet ruħi."

Il-tifel mar ħdejn zitu u staqsiha l-istess u z-zija weġbitu: "Sigriet ruħi."

It-tifel: "Zija, jekk jogħġbok ibdiluli r-rigal għax niddejjaq ikolli żewġ rigali l-istess."

# TISLIBA

**Nru. 1** **Minn MAESTRO**




**Mimdudin:**

8. Miskin, ma nagħtihx tort.
8. Nota mużikali.
9. B'ta' warajha bilfors tondassir.
10. Fil-bajtar u fil-ward.
13. u... bl-Ingliż hekk insejħulha.
14. Divertiment.
15. F'nofs ir-Raba ssibhom it-tnejn minn tal-ewwel.
16. Belt kapitali.
17. Tgħid għad hawn min isum b'dawn is-seba'?
20. Trodd is-saħħ biha.
21. Hekk insiru.
22. Minn tagħna, miskin.
23. Fidi bla vikali x'inhi?
24. Ġebel qawwi.
27. Għamel hekk forsi fil-vara.
29. Xi konsonanti ta' tarbija.
30. Qal lil xi ħadd li hu ħaliel.
33. Tal-Amerka magħqudin.
36. Jaqtagħlu xewqtu.

**Weqfin:**

1. Ma nħalluhx niedi.
2. Tajba bil-kirxa.
3. Hekk ngħidu meta biċċa mill-qamar ma tidhirx.
4. Wieħed minn tal-Fidi.
5. Biċċa minn tern iżda mhux ambu.
6. Opra teatrali.
7. Għandhom il-ħotba.
11. Widna Ingliża.
12. Jekk inżidu frotta nsibuha is-fel nett.
17. Ma baqax bl-istess ilbies.
18. B'erbgħ saqajn.
19. Waħda mill-virtujiet sbieħ.
23. Isem ta' raġel.
25. Malta tagħna.
26. Tinnegozja.
28. Din tagħmel parti sew mill-assedju.
31. ...u jiġi mogħti ħlief imma mingħajr għajnu.
32. Gost.

Il-premju jkun 10/-. Żmien sal-15 ta' Ġunju. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lill-Editur, Nru. 5, Triq Mons. D'Andria, Msida.

SAVOY GARAGE
(Props. J. Pace & Sons)
*Private Buses,*
*Cars and Volkswagens*
*for Hire Service*
*at Moderate Prices.*
**246-250, D'ARGENS ROAD**
**GZIRA**
**and**
**SLIEMA ROAD, GZIRA**
(opposite Marshall Court)
**Phone: Sliema 31332**
DAY AND NIGHT SERVICE



# "L-IMSIDA"

**LEHEN IL-PARROĊĊA**

Editur: Is-Sur Joe Friggieri, No. 5 Mons. Andria Str., Msida
Tel.: 32992

*Abbonament għal sena*: Malta 2/6; Barra 4/-.
Stampat fl-"Empire Press" — Furjana.

**Vol. II, Nru. 4** **Mejju - Ġunju, 1966**


## KUMITAT ĊIVIKU MSIDA/PIETA'

### RELAZZJONI UFFIĊJALI MIBGĦUTA MIS-SEGRETARJU

**Il-Kumitat Ċiviku ma' tul dawn ix-xahrejn, iltaqa' 3 darbiet li fihom iddiskuta bosta affarijiet importanti. Fost dawn insibu l-Għajn tal-Ħasselin, li fuqha qed isiru trattativi mal-Għaqda Nazzjonali "Din l-Art Ħelwa," Jum l-Imsida, li għalih qegħdin isiru preparativi u jitlesta programm li joħroġ ma jdumx.**

Barra dawn il-Kumitat studja l-interferance ta' kuljum fuq it-T.V. li qed tintlemaħ fl-Imsida f'ħinijiet differenti mis-6.30 p.m. 'il quddiem. Inkitbet ittra lill-Prim Ministru fejn ġie mitlub jitħarreġ din il-kwistjoni biex titwaqqaf mill-aktar fis.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lill-Ministru responsabbli, li wara t-talba tal-Kumitat, saru d-dwal f'Marina Street u St. Joseph Drive u Letter Box f'Msida Sea Front u l-irranġar tal-equipment tal-playing field. Il-kumitat jixtieq ifakkar linnies kollha biex jagħmlu ħilithom kollha biex jibżgħu għal dawn l-affarijiet u jikkoreġu lil dawk li, sforz l-injoranza tagħhom, jagħmlu atti ta' vandaliżmu.

Fl-aħħarnett nixtiequ li t-tfal kollha li joqogħdu l-Imsida, Pieta u Gwardamangia jieħdu sehem fil-kompetizzjoni ta' essays li ser issir f'okkażjoni ta' Jum l-Imsida li r-regolamenti tagħha jidhru hawn taħt:

1. Il-konkorrenti jridu jkunu joqogħdu l-Imsida, Pieta' jew G'mangia.
2. L-Essays iridu jkunu oriġinali u mhux imxandra.
3. Il-Kumitat iżomm id-dritt li jippubblika kull essay li jitressaq.
4. Kull konkorrent jista' jibgħat aktar minn essay wieħed imma jkollu dritt għal premju wieħed.
5. Is-suġġett ta' kull essay irid ikun jittratta fuq l-Imsida (eż. storja, ġmiel, postijiet interessanti, jew xi suġġetti ieħor fuq l-Imsida li jagħżel il-konkorrent).
6. Kull essay trid tkun 'il fuq mit-300 kelma.
7. L-Essays jistgħu jkunu ittajpjati jew le iżda jridu jinqraw sewwa.
8. Dawn l-Essays jridu jaslu sal-1 ta' Lulju, 1966, lis-Segretarju Kumitat Ċiviku Msida/Pieta, c/o 5, Church, Street, Msida.
9. L-Essays jridu jkunu iffirmati bi psewdonomu (nom-de-plum). L-isem u l-indirizz kif ukoll il-psewdonomu għandhom jitqiegħdu f'envelope magħluq li fuqu jitniżżel l-isem tal-Essay.
10. Kull konkorrent ma jridx ikollu iktar minn 16-il sena nhar l-1 ta' Lulju, 1966.
11. Id-deċiżjoni tal - ġurija hija **finali.**
12. Jingħataw tliet premjijiet sbieħ u tliet diplomi.
13. Tingħata Diploma lil kull Essay li tissemma b'ġieħ.
14. Il-ġurija għal dan il-Konkors ser tkun komposta minn ħames membri tal-Għaqda Kittieba M'sidjani.
15. Kull konkorrent li javviċina lill-eżaminaturi rigward l-Essays jiġi skwalifikat.
16. Lista tal-ismijiet tal-Essays li jaslu lis-Segretarju jintbagħtu lill-konkorrent.
17. Ir-riżultat jitħabbar fil-festi li ser isiru fl-okkażjoni ta' Jum l-Imsida li jaħbat fis-17 ta' Lulju, 1966.
18. Kull min ikun jeħtieġ kopja ta' dawn ir-Regolamenti jew aktar tagħrif għandu javviċina jew jikteb lis-Segretarju Kumitat Ċiviku Msida/Pieta, c/o 5, Church Street, Msida.

## R. I. P.



B'tifkira għażiża ta' **Sylvia Friggieri** li mietet b'disgrazzja fl-Imsida fid-19 ta' Ġunju, 1959, fl-eta ċkejkna ta' 8 snin.

Qatt minsija mill-papa' tagħha, ħutha, neputijiet, qraba u ħbieb.

Mulej, agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem.

## Salib Ġdid għas-Santwarju ta' Loretu

**(Mill-Korrispondent Tagħna)**



Dawn il-ġranet, il-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna ta' Loretu, immexxi mis-Sorijiet Ursolini fi Gwardamangia, giet imżejna b'salib ġdid. Dan ħa post is-Salib żgħir tal-ħadid li kien hemm qabel.

Is-salib huwa maħdum fil-konkrete fuq disinn tal-Perit Carmel Falzon, A.&C.E., B.E.&A.

Huwa twil 9 piedi u wesa 7 piedi u qiegħed fuq bażi ta' 2 piedi. Ix-xogħol inħadem taħt idejn l-imgħallem is-Sur Joseph Sammut, li offra x-xogħol personali tiegħu b'xejn. Ta' dan is-sorijiet flimkien marrettur tas-Santwarju jixtiequ jirringrazzjawh pubblikament.

Bħalissa qed jitħejja wkoll id-dawl tal-istess salib li nisperaw narawh jiżżanżan għall-festa tal-Qalb ta' Ġesu ta' din is-sena fit-3 ta' Lulju.

Billi l-ispejjeż f'din il-biċ'a xogħol kienu kbar tassew, kull għotja li tiġi offerta jew lir-rettur, Dun Ġużepp, jew lis-Sorijiet Ursolini tiġi apprezzata ħafna.


**OKKAŻJONI GĦALL-MISIDJANI!**

**ID-DITTA**

**NORTHERN T.V. & RADIO SERVICE**

TAL-MISIDJAN EDDIE TESTA

**QED TOFFRI**

SKOND TA' £30

**FUQ KULL T.V. SHAUB LORENZ MUDELL 1965**

Aħtfu din l-okkażjoni unika

**MORRU:**

TESTAFERRATA STREET, L-IMSIDA

**POSTIJIET TA' INTERESS FL-IMSIDA — 5**

Minn LINO BARTOLO

# IL-KULLEGG TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOGIJA

**F'Mejju tas-sena 1962 sewwa sew 120 jarda 'l fuq mir-roundabout tal-Imsida beda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, magħruf bħala l-Polytekniku.**

**Dan il-Kulleġġ ser iqum fuq il-£550,000, u l-fondi ġew mogħtija mill-Colonial Welfare and Development Fund u għotja mill-UNESCO.**



Il-pjanti ġew ippreparat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet pubbliċi f'ko-operazzjoni mad-dipartiment ta' l-Edukazzjoni u bil-għajnuna tal-Kunsill ta' l-Overseas College of Arts, Science and Technology dawn il-pjanti ġew aċċettati u approvati.

L-art li fuqha inbena dan il-kulleġġ kienet kollha rziezet tassew fertili li tlaħħaq madwar is-16 il-tommna.

Għalkemm il-bini fl-1963 kien mexa ġmielu ma għandniex xi ngħidu kien għad fadal ħafna xi jsir kemm fuq il-post attwali kif ukoll fuq il-pjanti tal-periti. Tant hu hekk li waqt li bini kien għadu sejjer kienu qegħdin jistudjaw il-pjanti ta' ġewwa fid-dettalji tagħhom.

Matul iż-żmien meta kien qed jinbena dan il-kulleġġ kienu jsiru konsultazzjonijiet bejn it-tliet partijiet ikkonċernati, li kienu fuq żjara temporanja tad-doveri tagħhom, biex iwaqqfu wħud mid-dipartimenti differenti li jiffurmaw il-kulleġġ.

L-esperti tal-UNESCO huma interessati fid-Dipartiment taċ-Civil, tal-Mekkanika u ta' l-Inġinerija fil-waqt li d-dipartiment ta' l-Edukazzjoni min-naħa tiegħu sejjer iwaqqaf it-taqsimiet ta' l-Arti, tal-Kummerċ u Catering.

Għalkemm il-kulleġġ qiegħed fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni wieħed ma għandux iħares lejh bħala [illegible] skola oħra. Il-Kulleġġ huwa speċi ta' istruzzjoni li tferrxet malajr f'ħafna pajjiżi matul dawn l-għaxar snin. Il-Polytekniku għandu board of Governors li jamministrawh u Dr. Focken li huwa il-head of Mission huwa il-prinċipal tal-kulleġġ, li jkun dipendenti mill-Gvern Malti, għall-fondi. F'dan il-kulleġġ ser ikun hemm kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Universita' ta' Malta waqt li huwa jkun qed jissupplimenta ma' din l-istituzzjoni li ilha mwaqqfa minn żmien antik. Il-ħtieġa ta' l-Edukazzjoni teknika kompliet tiġi ikkonfermata minn C.J. Jones l-adviser dwar l-Edukazzjoni teknika fl-Uffiċċju Kolonjali.

Il-kulleġġ ser ikollu parti importanti ħafna fl-iżvilupp Industrijali ta' dawn il-gżejjer li kull ma jmur qed jikber u jiżdied.

Il-Polytekniku huwa [illegible] tassew imponenti li jogħla fuq l-Imsida, huwa jikkonsisti prinċipalment fi blokk ċentrali li biċċa minnu hija għolja seba' sulari jiġifieri madwar 110 piedi u jinkorpora l-uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni, it-Taqsimiet, Istruzzjoni, sala għal-laqgħat refettorju fil-parti tal-catering, Librerija, kappella kif ukoll Gymnasium.

Dan il-blokk għandu fuq kull naħa tiegħu workshops u laboratorji. Il-grounds huma ippjantati tajjeb u l-istudenti jkollhom ground tal-Fooball u tliet tennis Courts.

[illegible]Ħarsa lejn dan il-kulleġġ f'dan l-aħħar jiem wieħed jilmaħ ħidma u attivita kbira. Il-kulleġġ jinsab lest li jħaddan numru kbir ta' studenti. Il-ġmiel ta' dan il-post jiġbdek mal-ewwel daqqa ta' għajn. Madwar il-post kollu ġew miżrugħa siġar u pjanti li jkomplu jżejnu t-triqat li jduru madwaru. Tkun ħaġa sabiħa ħafna kieku jkollna naraw dan il-post importanti fl-istudju ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jkun floodlighted fil-futur biex kif bil-għoli tiegħu jiżboq u jisraq il-ħarsa tal-pubbliku li jgħaddi [illegible] mill-Imsida b'inhar, bil-lejl ukoll ikompli jsebbaħha. Nittamaw li fi żmien qasir ma ndumux ma naraw dan il-post miftuħ uffiċjalment u l-Imsida bil-preżenza ta' dan il-kulleġġ, bl-Universita li qiegħda tinbena u bl-iskola tan-Nurses li fuq dawn nitkellmu iktar 'il quddiem tkun veru tista' tiġi msejħa l-post tal-istudji superjuri.

**SHELL FILLING STATION**
(Prop. J. Pace & Sons)
**MENQA SQUARE - MSIDA**
Telephone: Sliema 2745



## PAĠNA TAN-NISA

# IT-TFAL INKURAĠĠIEHOM FIX-XEĦTIET

(Minn CARMEN CARBONARO)

**Ħafna drabi t-tfal jurukom huma stess fejn hi l-inklinazzjoni tagħhom. Il-ġenituri dejjem imħassbin fuq it-tfal, speċja'ment is-subien, x'ser jagħmlulhom meta jikbru, x'karriera ser jaqbdu. Hawn ukoll ħafna ġenituri li jaħsbu li s-snajja mhux tajbin biżżejjed għal uliedhom, għaliex ix-xogħol tal-pinna iktar pulit. Konna nkunu fil-frisk kieku l-irġiel kollha ma jagħmlux ħlief xogħol tal-kitba! Għadhom ma jafux ċerti ġenituri kemm hija prezzjuża t-teknika, ix-xogħol ta' kwalunkwe sengħa; infatti hemm futur sabiħ għas-subien li jitgħallmu sengħa milli jitgħallmu biss xogħol tal-uffiċċju, kif ngħidulu, li ħafna drabi dan ix-xogħol qegħdin jidħlu għalih ukoll in-nisa u x-xebbiet.**

Dan l-aħħar iltqajt ma' omm li kellha tifel magħha ta' xi tnax-il sena u għedtilha: "Liema skola jmur?" Qaltli: "Imur it-Technical School u qed jitgħallem l-inġinerija." "Brava," għedtilha, "tassew int mara bil-għaqal, li barra l-iskola qed tgħallmu s-sengħa wkol, għax daż-żmenijiet hawn għatx kbir ta' xogħol manwali, xogħol mill-iktar sabiħ u ta' min ifaħħru, wara kollox, u mhux xi xogħol baxx għax mhux tal-'pinna'," kif kompliet tgħidli din l-omm, "għax niesi ħaduha kontra tiegħi għax qed ngħallmu s-sengħa."

Idea ħażina u falza, din, li meta tara s-subien inklinati għal xi xogħol speċjali ma tinkoraġġihomx biex ikomplu x-xewqa tagħhom. Għaliex jekk kulħadd jitgħallem ix-xogħol tal-pinna biss, x'jiġri minna? Kieku ma konniex insibu la min jirranġagħalna l-elettriku, la min jagħmlilna xi biċċa għamara, la min jibnilna d-djar tant meħtieġa, la min isewwielna xi żarbun, la min iħejtilna xi libsa. U lanqas ma kien ikollna dawk l-affarijiet tant sbieħ u ta' arti, pittura, skultura, li tant isebbaħ il-pajjiż u jgħollu l-prestiġju tiegħu quddiem il-barranin.

Niftakar, meta kont għadni teacher, fil-klassi kelli tifel li kien edukat u mill-aħjar, imma kull darba li jien kont inkun nispjega kont narah b'għajnejh baxxi 'l isfel in-naħa ta' taħt il-bank. Jien, naturalment, kif jagħmlu t-teachers kollha kont nikkoreġieh, u ngħidlu biex joqgħod attent, u darba ridt nkun naf x'kollu f'idejh. X'insib? Kellu biċċa "plastcine", żgħira u b'din il-biċċa tafal kien jifforma figuri żgħar ta' perfezzjoni kbira. U dan kien jagħmlu fil-ħin jiet tat-teachers kollha. Imma l-lum, ilkoll aħna t-teachers kburin għax dan it-tifel laħaq skultur famuż.

Mela naraw sewwa x'inhija l-inklinazzjoni ta' wliedkom. Din tkun l-ikbar għajnuna li tistgħu tagħtu lil uliedkom meta intom tmexxuhom fit-triq li għaliha huma mixħutin, tgħinuhom biex jaqbdu xxogħol li għalih huma l-aktar li għandhom xeħta. Osservahom tajjeb ukoll fil-ħin tal-logħob tagħhom biex taraw sewwa l-inklinazzjoni tagħhom.

Ħafna ommijiet jinkeddu u jinkwetaw ruħhom meta jaraw li t-tifel jew tifla ma tantx huma inklinati għall-istudju, imm ab'daqshekk ma jfissirx li tifel m'għandux doni oħra li jista' juża u jutilizza biex iservuh għall-ħajja futura tiegħu. Ħafna subien tarahom għandhom manija għall-motors jew għall-ajruplani, għall-inġenji tal-baħar, eċċ., oħrajn tarahom idejhom tajba u qiegħda għaddisinn u t-tpinġija, oħrajn għat-tfassil, u x'naf jien. Dan l-aħħar qrajt li hemm raġel Ingliż li jagħmel id-disinji tan-knitting u b'dan id-don għamel karriera ġmielha u minn jaf kemm-il disinn li intom stess taħdmu fuqhom kien maħsub u oriġinat minnu! Forsi xi tifel jew tifla taraha tiktiblek storja jew tirrakkonta xi storja li ivvinta huwa, mela inkoraġġih fil-kitba. Agatha Christie dik il-mara meraviljuża li kitbet ma nafx kemm-il rumanz, detective thrillers, tgħid hija stess, li kienet ommha l-kaġun li saret kittieba hekk famuża, meta darba kienet marida u ddejqet ma tagħmel xejn u ommha qaltilha: "Ara ikteb storja," u tatha lapes u karta. U kemm sewa dak il-parir! Saret miljunarja. Mela kif qed taraw, intom ukoll tistgħu tagħmlu hekk ma' wliedkom. Meta tarahom iħobbu xi sengħa inkoraġġuhom u għinuhom għax fil-futur jirnexxu żgur għax ikunu qed jaħdmu għal qalbhom.


**E. MAISTRE**

of

162, BRITANNIA STREET,

VALLETTA

Tel. 24888

for

*STATIONERY — PRINTING*

*RUBBER STAMPS — TOYS*



# ★ PAGNA LETTERARJA ★

## ŻAGĦŻUGĦ IEĦOR

**LIL...... fil-mewt ta' ommu bi tpattija għan-nuqqas tiegħi lejh u lejha**

Isaltan il-ferħ......

Żagħżugħ jitbennen hieni f'dirgħajn ommu
Wara l-għid ta' egħluq żmienha;
Naqxilha tal-imħabba l-bewsa ħajja
Fuq ħdanha......
Ħamrana......
"Inħobbok ma......"
Radditlu bewstu lura...... Tbissmet...... Seħer!
Ra tidħol ġewwa — Ra tgħib ġo soddtha,
Taħt l-artab ta' l-għata nadifa.
Dallam il-kamra u mar jistrieħ hu wkoll
Bi ħbub għajnejh iqattru d-dmugħ tal-hena......
Jien kont......
Jiena kont dan iż-żagħżugħ!......

Isaltan l-imrar......

Żagħżugħ jintelaq għaxi f'dirgħajn ommu
Wara t-talb għas-sliem ta' ruħha;
Naqxilha tal-imħabba l-bewsa mejta
Fuq ħdanha......
Safrana......
"Inħobbok ma......"
Mitluqa l-qalb għat-tqanqiliet, is-sensi......
Ra tidħol ġewwa — Ra tgħib ġol-ħofra,
Taħt l-iebes tal-għabra maħmuġa.
Dallam il-qabar u mar jistrieħ hu wkoll
Bi ħbub għajnejh iqattru d-dmugħ tan-niket......
Hu kien......
Hu kien dan iż-żagħżugħ!......
Sebaħ il-għada u 'l ommu ma sabhiex.
Sejħilha u ma weġbitx!
Talabha u ma tagħtux!
Mietet......
Il-bidu ntemm......
U begħdu t-tmiem!......

Msida ALBERT MARSHALL.

## F'JUM L-OMM

Int Omm...
Taf tħoss u tagħder!
U f'dan il-Jum,
B'kelmtejn magħżula,
Nuri
Kemm jien bik kburi:
Int omm, omm li rabbejt,
Batejt għalina u
Rajt il-mewt tħuf miegħek
Biex tajtna l-ħajja!!...

EMMANUL VELLA.

## INĦOBBOK WARDA

Sabiħa, wara, rajtek
Imbewsa mas-swaba' tax-xemx
Ġo qalbi nisslet dieqa
Il-wesgħa bejni u bejnek
U miegħi
Inħaddnek ma nistax
Bi fwieħtek dejjiema
Lil sidri ma nonfoħx...
Ifarraġ in-niket ħsieb wieħed:
Il-ħsieb fit-tama t'għala
Mel'inti, miegħi,
Imbewsa mas-swaba tax-xemx.

JOHN RAPINETT.

## IT-TFULIJA

Tfulija......
Kif ċħadtni mill-benna ta' żmienek, żgħurija!
Kif fridtni mill-benna t'għanjietek għaslija
X'ħin rajtni qed noqrob lejn bieb iż-żgħożija!

Kemm konna nilagħbu flimkien fil-widien
Miżgħuda bil-fjuri, bil-fwieħa u l-ilwien,
Li qatt ma jitbielu, li jgħannu l-ħelsien!

Jew niġru bħall-friefet, qabbieża u ħerqana,
Bla ħsieb u bla biża', ferrieħa u setgħana
Fil ġonna u l-għelieqi, mal-ħxejjex ħadrana.

'Ma dik kienet ħolma- Il-ħolma sabiħa
Li ttir bla nintebħu, bħal dahna mirjieħa;
u qatt ma titenna, għaliex kiefra u xħiħa
Il-ħajja......

**SHOW POPOLARI ITALO-MALTI**
**FLI STADIUM — GŻIRA**
B'risq il-Youth Centre ta' l-Imsida
Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju u l-Ħadd, 5 ta' Ġunju, 1966
Fis-7.00 p.m.
**KONKORS KBIR BEJN IL-GUITAR GROUPS**
Wirja ta' Bużullotti sbieħ mill-prestiġjatur tar-RAI-TV
**MEFISTO**
Kanzunetti minn
**TONY CASABIANCA**
Semi-Finalista ta' Castrocaro
**KETTY**
Il-Kantanta Nigra u
**LIDIA ASCIUTTI**
Ta' li "Steil ad'Ooro"
**TESSIE MICALLEF u FRANS FENECH**
Rebbiħin fil-Malta Song Festival
**ARNOLD CASSOLA**
Rebbieħ f'Konkorsi Maltin u Taljani
Mal-Kwartett-Orkestra mmexxija minn
**MRO. FRANCO GRECO u CARMELO ZAMMIT**
Il-Preżentaturi ta' l-MTV
**MARY GRECH u CHAS. ABELA MIZZI**
Xenografu
**CHAS. CASSANO**
Prezzijiet Popolarissimi — Trasport wara x-Show

**CONTACT**
**mediterranean directory**
MALTA 1967 EDITION LIBYA
**NOW BEING COMPILED**
ALGERIA TEL. 26983 TUNISIA



**aps**
Advertising
•
Marketing
•
Public Relations
**Associated Publicity Services**
60a, strait street
Valletta — Malta
Tel. 26983.

# VARJETA'

Minn F. E. R.

**Wara sensiela ta' profili ta' kantanti u artisti kemm Ingliżi u Amerikani, għandna kantant Taljan li huwa ferm popolari kemm fl-Italja kemm ukoll hawn Malta. Dan huwa**

## Adriano Celentano



**Fir-ritratt jidher Celentano mat-tifla tiegħu Rosita li għadha kif għalqet sena.**

Kien għad għandu ftit aktar minn għaxar snin meta missier Adriano Celentano ddeċieda li lil ibnu jlaħħqu avukat. Adriano, infatti, jitkellem ħafna u meta jkun fil-burdata ma jħalli lil ħadd jiftaħ ħalqu. Iżda minflok avukat Adriano sar arloġġar. Celentano, li twieled Milan, fi Via Gluck, qatt ma kien joħlom li ġurnata għad ikun wieħed mill-kantanti popolari tal-Italja. Waqt li kien qiegħed fi club fil-qalba ta' Milan, sema' lil Tony Dallara, li dak iż-żmien ftit kien magħruf, ikanta, u innota kif dan il-kantant kien jittrasforma s-songs u jaddattahom għall-personalita tiegħu. Meta reġa' lura lejn id-dar, Celentano xtara kitarra, u minn dak in-nhar ra kif għamel u ħoloq stil għalih, stil li kisiblu tant suċċess maż-żgħażagħ Taljani. Xahar wara Celentano niżel idoqq quddiem il-proprjetarju tal-club li kien qed ifittex kantant ġdid. Is-suċċess kien minnufih. Minn dak in-nhar il-club kien qiegħed ikun mimli nies biex jaraw lil dan il-kantant bi stil ġdid.

Minn dak in-nhar għal Celentano nfetħet it-triq tas-suċċess u xejn ma seta' jżommu li jakkwista iktar popolarita. Fost issongs li bihom Celentano għamel suċċess insibu **"Preghero," "Nata Per Me," "Venti Quattro Mila Baci," "Bambini Miei," "Ciao Ragazzi," "La Festa"** u s-song li bħalissa qiegħda fost l-ewwel postijiet fil-klassifika tal-bejgħ tad-diski Taljani, **'Il Ragazzo di Via Gluck" li ppreżenta fil-Festival ta' San Remo** din is-sena.

Celentano ħadem ukoll f'xi films, fosthom **"Ragazzi del Juke Box," "Le Ragazze del Rock and Roll,"** u **"Super Rapina A Milano"** li fih naraw lil Celentano liebes ta patri. Celentano żżewweġ xi sena u nofs ilu lil Claudia Mori, attriċi tal-films u għandhom tifla jisimha Rosita.


**FALZON'S PHOTO STUDIO**

CAMERAS, FILMS
& PHOTO GOODS DEALER

Passports, Portraits, Weddings, Parties
and other social activities by appointment.

88, MANNARINO ROAD, BIRKIRKARA
or apply at
3, NEW STREET, MSIDA


# INQAQAR U INTIETEF

### BEATLES ĠODDA

Minn mindu Walt Disney ħareġ bil-karattru tant ħelu ta' Mikey Mouse, ħafna kumpaniji tal-films ħolqu karattri oħra bħal Bugs Bunny.

Issa l-kumpanija Ingliża T.V.C. ipproduċiet serje ta' cartoons fuq il-Beatles. Dan is-serje fih 52 film. Peter Sander pinġa l-karattru tal-beatles. Paul Frees u Lance Percival jagħmlu l-leħnijiet tal-Beatles. Kull episodju ħa xahar biex jinħadem. Il-Beatles stess stagħġbu bl-eżattezza ta' kif inhuma mpinġ ja f'dan is-serje.

Wara suċċess kbir fl-Amerika, għall-aħħar ta' din is-sena dan is-serje ser jintwera fuq it-T.V. Ingliż.

### SEAN CONNERY

Qatt kont taf dwar Sean Connery li:

Qabel ma qabad l-acting kien milkman, baħri, iħawwad is-siment, stampatur, life-guard u anke jippolixja t-tw'ebet.

Dan l-attur b'isem veru Irlandiż twieled f'Edinburgh.

L-ewwel parti kbira li ħadem kienet fil-film ta' Walt Disney "Darky O'Gill and the Little people,"

li hu miżżewweġ lill-attriċi Daine Cilento li ħadmet ħafna films bħal Tom Jone.

### ANNE BANCROFT

Bl-aħħar żewġ films tagħha, Anne Bancroft stabbiliet ruħha bħala waħda mill-aħjar attriċi tad-dinja. Mill-ewwel f'"The Miracle Worker", Anne rebħet Academy Award għall-interpretazzjoni tagħha. Issa, fl-ewwel film Ingliż "The Pumpkin Eater", hija rebħet tifħir kbir kemm mill-kritiċi kif ukoll mill-pubbliku.

F'dan il-film hi ħadmet ma' Peter Fisach u l-film hu ibbażat fuq it-ktieb ta' Penelope Mortimer.

### S-SHELLMARS

Dan l-aħħar fuq l-M.T.V. fil-programm "Teenbeat" rajna l-grupp gitarristiku msidjan "The Shellmars". Dawn intgħoġbu ħafna, kważi minn kull min rahom. Ġie innutat ukoll il-progress kbir li għamlu f'dawn il-ħames xhur li ilhom idoqqu fil-pubbliku. Aħna nawgurawlhom u nixtiequlhom futur sabiħ.

### IT-TOP TWENTY

Fost id-diski li sejrin ferm tajjeb fit-Top Twenty insibu: "You're my soul and my inspiration" minn the Rightous Brothers li tixbaħ ferm lil "You've lost that loving feeling", li biha kienu għamlu ferm suċċess Song oħra hija l-follow up ta' Crispian St. Peter's "The pied Piper" Ta' min jagħti kasha wkoll hija "What a day for a Day Dream", id-diska li qed jikkompetu hija d-diska ta' Manfred Mann "Pretty Flamingo".

## Film Story No. 1

**Wara li ħafna qalulna kemm ħadu pjaċir bis-"Sing Story" li ppubblikajna, issa ser nagħtukom "film story" li nisperaw li jkollha l-istess suċċess.**

As "Johnny Guitar" was passing through "vengeance valley", "3 violent people" faced him. One of these "wild Westerns" challenged Johnny for a "Gunfight at Sandoval". Johnny accepted. Two shots from some "Hidden Guns" were going to kill him. The other two then escaped but although Johnny was "a man alone", he did not worry and shot one of them. "The one that got away" made towards "north to Alaska". On the way, Guitar met with some "frontier rangers" and told them that he was on a "man hunt". Johnny was determined that, when he catches his man, that would be "the last sunset" he would see. As he was passing near "Fury River", Johnny spoke to "some people" and they told him that a man had stayed there "all night long" looking for something. A few moments later, Johnny saw his man and gave him in the hands of the sheriff accusing him of a gunfight. While "guns in the afternoon" were heard, a feast was held for Johnny. Everybody was praising him and calling him: "The fastest gun alive". Others said that "Lonly are the brave."

EDDIE J. GERMANI.


**If you want to reap a good selected crop of vegetables which are sowed during June and July, sow American and Danish seed of extra quality and see the result.**

Obtainable in a big range from the first floor of the

**WEMBLEY STORE**

**Kingsway, Valletta.**

Phone: 25148 - 26631

# LEAGUE CHAMPIONS

**L-istinkar tal-ħabrieki kumitat, it-tħabrik tal-coach, is-Sur Victor Scerri u s-sagrifiċċji tal-players ma sfawx fix-xejn.**

**It-team tas-St. Joseph sena oħra jilgħab f'diviżjoni għola li ilna neqsin minnha xejn anqas minn ħdax-il sena. It-team tas-St. Joseph jinsab Second Division wara staġun mill-aħjar fit-Third Division, wara li għeleb l-ostakoli kollha li ġew quddiemu u wara li rnexxilu jirbaħ l-aktar section iebsa mit-tliet sections li kien hemm mingħajr ebda telfa minn għaxar logħbiet; kellu jerġa' jilgħab league ieħor fuq bażi ta' żewġ roudns mar-rebbieħa taż-żewġ sections l-oħra u reġa' irrepeta li kien għamel f'section "B", jiġifieri reġa' rebaħ dan il-league mingħajr ebda telfa u mingħajr ebda goal kontrih.**



(By courtesy of Times of Malta).

Section "B" ...... ...... ......

Mill-bidu ta' dan l-istaġun it-team tagħna wera ċerta klassi ta' logħob u kien terrur għall-ħames teamijiet l-oħra li kienu qed jikkompetu miegħu. Fl-ewwel logħba tiegħu kontra Żurrieq, St. Joseph kienu ferm superjuri imma l-aktar li laqat l-għajn kien il-mod kif kienu qed jilagħbu l-logħba, dak il-logħob maħsub, tqassim maħsub u preċiż, marking u training tajjeb. Minn din il-logħba l-gazzetti lokali kollha qablu bejniethom li s-Saints għandhom team tajjeb biżżejjed biex jirbħu l-promotion.

Mit-tliet logħbiet li kienu saru dik il-ġurnata l-Misidjani biss kienu akkwistaw iż-żewġ punti b'rebħa ta' 2 - 0 fuq Żurrieq. Iż-żewġ partiti l-oħra spiċċaw fi draws u dan il-punt vantaġġ fuq it-teamijiet l-oħra kien ta' injection għall-players tagħna biex jirsistu u jieħdu l-affarijiet bis-serjeta aktar minn qabel.

**Għaxar Punti**

Il-logħba l-aktar importanti ta' l-ewwel round kienet l-aħħad waħda kontra ż-Żejtun Corinthians u dan għaliex il-Corinthians kienu rebħu disa' punti għall-għaxra li kienu rebħu St. Joseph u l-logħba ta' bejniethom kienet ta' deċiżjoni. Għal din il-logħba kienet attendiet folla kbira, il-parti l-kbira Misidjana u t-team tagħna rnexxielu jakkwista dawn iż-żewġ punti wkoll b'rebħa ta' 1-0 minn goal ta' Freddie Cutajar, biex b'din ir-rebħa ġibna total ta' tliet punti vantaġġ fuq kull team fis-section u l-uniku team mingħajr punt mitluf.

Biex Section "B" tat-Third Division tkun interessant, fittieni logħba tat-tieni round St. Joseph tilfu l-ewwel punt tal-istaġun fi draw ma' Senglea Athletics. Kienet logħba iddominata l-ħin kollu mit-team tagħna imma x-xorti ma tantx iffavoritna biex niskurjaw u Salvu Alamango, il-goalkeeper, wettaq saves sbieħ fuq xottijiet tal-forwards tagħna u l-unika darba li Salvu Alamango safa megħlub sab il-cross-bar tagħmillu xogħlu. Dan il-punt mitluf ġabna żewġ punti biss fuq iż-Żejtun u l-aħħar logħba kellha tiddeċiedi r-rebbieħa tas-section. Rebħa għalina tpoġġina erba' punti fuq kulħadd u trebbaħna s-Section telfa kienet iġġibna indaqs u kien ikun jeħtieġ decider, draw kien ifisser li kulħadd jieħu punt u Saint Joseph isiru Section Winners.

Minn dawn it-tliet deċiżjonijiet l-aħħar waħda irrenjat, il-logħba milgħuba fuq spirtu sportiv u quddiem folla akbar mill-ewwel logħba ta' bejniethom spiċċat fi draw ta' 0-0.

**Għalhekk St. Joseph spiċċaw rebbieħa ta' Section "B" mingħajr ma tilfu logħba u b'goal wieħed kontrihom.**

**Play Offs**

Bħala rebbieħa tas-Section "B" St. Joseph kisbu post ma' Little Rainbows u Siggiewi rebbieħa ta' Section "A" u Section "C" rispettivament biex jilagħbu league bejniethom fuq bażi ta' żewġ rounds. It-tliet teamijiet spiċċaw hekk fis-sections tagħhom.

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec. 'A' | | | | | | | |
| L. Rainb. | 10 | 8 | 2 | 0 | 25 | 0 | 18 |
| **Sec. 'B'** | | | | | | | |
| **St. Joseph** | **10** | **8** | **2** | **0** | **17** | **1** | **18** |
| Sec. 'C' | | | | | | | |
| Siggiewi | 10 | 9 | 1 | 0 | 20 | 4 | 19 |

Id-dilettanti Misidjani kollha kienu anzjużi biex jaraw kif it-team ta' pajj żhom kien ser jispiċċa; nies li qatt ma resqu lejn il-ground ġew jaraw u jissapportjaw lill-players tagħhom u dawk li qabel kienu jissapportjaw ttamijiet bħal Sliema u Floriana, dawru d-deċiżjoni tagħhom u bdew jieħdu ħsieb pajjiżhom.

Mill-banda l-oħra d-dilettanti tal-football Malti kienu anzjużi biex jaraw jekk ir-rebħa tas-section mit-team Misidjan kenitx xi kumbinazzjoni u kien hemm ukoll min iffavorixxa lir-rebbieħa l-oħra b'ċans għall-promotion.

**L-Ewwel Pass**

L-ewwel logħba kienet kontra Siggiewi, nhar il-Ħadd, 24 ta' April. Dan it-team offra oppożizzjoni qawwija imma s-Saints iddominawhom għal kollox u goal ta' Twannie Agius tagħna ż-żewġ punti. Dan il-player tilef ċans tajjeb fl-ewwel half meta waħdu quddiem Hawkins, il-goalkeeper tas-Siġġiewi, tefa' għoli.

Ħadd wara, is-Siggiewi lagħbu kontra Little Rainbows fejn ħarġu rebbieħa 2-1 u hawn it-tiġrija baqgħet bejn żewġ teamijiet St. Joseph u Siggiewi bis-Saints dejjem quddiem. Il-Ħadd, 8 ta' Mejju, reġa' ħadna x-Schreiber Sports Ground għal-logħba kontra Little Rainbows. It-team ta' Ħal Tarxien għamel minn kollox biex itellifna ż-żewġ punti u daħliet goffi fuq il-players tagħna għamlu l-logħob daqsxejn diffiċli imma l-Misidjani kienu l-aktar team perikoluż u r-rebħa setgħet ġiet deċiża fl-ewwel half imma l-forwards tagħna ħlew xi chances żguri. Il-goal tar-rebħa wasal fit-tieni half: l-eroj din id-darba kien Henry Mifsud, player tal-Min-

*(Jissokta)*



(By courtesy of Union Press).

**Il-goal tar-rebħa skurjat mill-Captain Tony Betts.**

M.A.F.A.

# FOOTBALLER OF THE YEAR



Johnnie Gatt il-player tas-Saint Joseph ġie magħżul il-"Footballer of the Year" tal-M.A.F.A. għall-istaġun 1965/66, bħala player tal-Amateurs tat-team "Mercury" ta' St. Julians.

Johnnie ġab total ta' 30 punt biex rebaħ din il-kompetizzjoni. Gatt, l-ex-player tas-Sliema Wanderers u B'Kara, żewġ clubs tal-ewwel diviżjoni, irreġistra mas-St. Joseph fl-istaġun 1963-64.

Din is-sena Johnnie lagħab logħba waħda fis-suċċessi tal-Club Misidjan. L-ewwel logħba tat-tieni round kontra Żurrieq mirbuħa minn St. Joseph 2-0, fil-pożizzjoni ta' centre-half minflok Lewis Betts.

Gatt ilu jilgħab fl-M.A.F.A. League minn meta din l-Assoċjazzjoni twaqqfet fis-sena 1955.

Charles Sullivan player tal-Amateur "Msida Wolves" ġie l-ħames f'din il-kompetizzjoni.

Ir-rebbieħ tal - M.A.F.A. Footballer of the Year tas-sena l-oħra kien il-goalkeeper ta' l-Imsida Wolves Lino Mizzi.

*(Jissokta mill-paġna l-oħra)*

ors li għen ħafna fil-vittorja Misidjana.

**Champions**

It-tieni logħba kontra Siggiewi nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju waslet biex rebbħitna l-promotion. Għaż-żewġ logħbiet ta' qabel, l-ewwel half kien għall-ħela ta' chances: f'dan il-half kellna fejn niskorjaw tliet goals minn Cutajar u Agius imma t-tnejn ixxutjaw ix-xottijiet finali tagħhom f'idejn Hawkins.

Kellu jkun it-tieni half u l-unika goal tal-logħba, skurjat "a la Facchetti" mill-full-back Tony Betts, tana l-promotion biex sena oħra nilagħbu f'diviżjoni li ilna neqsin minnha ħdax-il sena.

**Affarijiet komuni f'dawn it-tliet logħbiet tal-play offs kienu: irbaħna t-tliet logħbiet b'goal wieħed, it-tliet goals ġew skurjati fit-tieni half u li t-tliet goals ġew skurjati fl-istess lasta: lasta tassew ixxurtjata għalina l-Misidjani.**

**L-Imgħoddi**

vs. Siggiewi 6 4 1 1 12 4 9

F'dawn il-ħdax-il sena li ilna nilagħbu fit-Third Division wasalna ħafna drabi qrib il-promotion fl-istaġun 1955/66, ġejna runners-up lil Zebbug Rangers, 1956/57 it-tielet, 1957/58 indaqs fil-punti ma' Għargħur Exelcior bi 13-il punt imma tlifna d-decider 1-0, 1958/59, Runners-up lil Zurrieq, 1959/60 is-seba', 1960/61 it-tielet, 1961/62 is-sitta, 1962/63 ir-raba', 1963/64 l-ewwel fir-raba' diviżjoni, 1964/65 spiċċajna fil-ħames post.

Biex laħqu l-iskop tagħhom, is-Saints għamlu użu minn sittnax-il player imqassmin kif hawn taħt, bin-numru ta' goals skurjati fil-brackets (l-aħħar logħba vs. L. Rainbows mhix imdaħħla.

13-il logħba: Lino Mizzi, Tony Betts (3); Alfred Ellul.

12-il logħba: Alfred Galea; Alfred Cutajar (6); Lewis Betts.

11-il logħba Twanny Agius (4).

10 logħbiet: Joe Demarco, Joe Pace (3).

9 logħbiet: Henry Mifsud (3); Anton Naudi (1).

7 logħbiet: Alfred Zammit.

6 logħbiet: Joe Bond.

3 logħbiet: Tony Mifsud.

2 logħbiet: Johnnie Gatt.

Logħba: Joe Hedley.

★

### MINOR LEAGUE

F'sezzjoni oħra tal-paġna ta' li sports insibu s-suċċess li ghadda minnu t-team tas-St. Joseph fit-3rd Division, imma l-Minors ma għamlux għajb lil sħabhom tat-3rd għax huma wkoll rebħu l-league tagħhom mngħajr ma ġarrbu telfa waħda u qalgħu goal wieħed biss kontrhom, il-minors kellhom jilagħbu ma' l-istess teamijiet bħat-Third Division imma fuq bażi ta' round wieħed jiġifieri laghbu hames logħbiet biss. It-table spiċċat hekk:

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **St. Joseph** | **5** | **4** | **1** | **0** | **8** | **1** | **9** |
| Zurrieq | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 | 2 | 8 |
| Vittoriosa | 5 | 1 | 2 | 2 | 4 | 5 | 4 |
| St. Vennera | 5 | 1 | 2 | 2 | 3 | 6 | 4 |
| Senglea | 5 | 2 | 0 | 3 | 5 | 0 | 4 |
| Zejtun | 5 | 0 | 1 | 4 | 2 | 10 | 1 |

### BILLIARD LEAGUE

Bħalissa fil-każin tal-Banda Melita qed issir league tal-Billiard għall-membri tal-każin. Għoxrin membru qed jieħdu sehem f'dan il-league li ġew imqassma f'żewġ sections ta' "A" u "B".

B'ċans tajjeb li jirbaħ section "A" hemm F. Paris fil-waqt li Section "B" qiegħda taqtigħa bejn tlieta li huma A. Xuereb, J. Galea u V. Borg.

L-akbar score jinsab f'idejn Anthony Xuereb b'285 punti, il-final tal-kompetizzjoni mistennija ssir aktar tard dan ix-xahar.

It-tables huma dawn:—

| Section 'A' | Lagħbu | Punti |
|---|---|---|
| F. Paris. | 7. | 14. |
| Said | 6. | 10. |
| Camilleri | 7. | 8. |
| P. Galea | 5. | 8. |
| E. Micallef | 7. | 6. |
| Bond | 6. | 6. |
| E. Azzopardi | 4. | 6. |
| J. Zammit | 7. | 4. |
| Cassar | 7. | 2. |
| P. Saliba | 8. | 0. |

| Section 'B' | Lagħbu | Punti |
|---|---|---|
| A. Xuereb | 9. | 16. |
| V. Borg | 8. | 14. |
| J. Galea | 7. | 12. |
| J. Borg | 7. | 12. |
| J. Portelli | 9. | 10. |
| A. Zahra | 7. | 4. |
| L. Betts | 6. | 2. |
| A. Saliba | 6. | 2. |
| C. Azzopardi | 7. | 0. |
| C. Abela | 6. | 0. |


G. GIORDANO

JEWELLER

Crystal Dealer

76, RUE D'ARGENS MSIDA

Res.: Dial 34527

IL-FAMUŻA DOLĊERIJA FL-IMSIDA

BUSY-BEE

tirċievi ordnijiet għal

TIĠIJIET

MAGĦMUDIJIET

PARTIES

INVICTA WORKS

MANUFACTURERS AND EXPORTERS OF...

MODERN TUBULAR FURNITURE

INVICTA for your household and office needs

Be Proud — Have Modern Furniture

Be Wise — Have INVICTA FURNITURE

FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS

are modern only when

INVICTA FURNITURE IS USED

FREE!! Literatures and Brochures on request.

Factories and Head Office:

Quarries Square, MSIDA 26651

Showrooms:

The Strand, SLIEMA 33827

Pietà Wharf, PIETA'.

Visits Solicited Without Obligations

Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE

THE FURNITURE OF A LIFETIME